

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 374/2012

tas-26 ta' April 2012

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1255/2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Herzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro u fis-Serbja**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 144(1) u l-Artikolu 148, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1215/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali eċċezzjonali għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fil-proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup> jew li huma marbutin miegħu kif emendat mir-Regolament (UE) Nru 1336/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>, ipprova kwota annwali tat-tariffa fuq l-importazzjoni ta' 475 tunnelli espressi f'piż ta' karkassa għal prodotti "baby-beef" kif definit fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1215/2009 u joriġinaw fit-territorju doganali tal-Kosovo <sup>(4)</sup>.
- (2) Dik il-kwota tariffarja annwali għandha tkun amministrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2010 tat-22 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Herzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro u fis-Serbja <sup>(5)</sup>.
- (3) Għalhekk, ir-Regolament (UE) Nru 1255/2010 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(4) Minħabba li l-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010 jipprova li l-kwoti tat-tariffi jinfetħu kull sena mill-1 ta' Jannar, dan ir-Regolament għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 1255/2010 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu jinbidel b'li ġej:

**"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2010 tat-22 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kwoti tariffarji tal-importazzjoni għall-prodotti "baby beef" li joriġinaw fil-Bosnja-Herzegovina, fil-Kroazja, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, fil-Montenegro, fis-Serbja u fil-Kosovo (\*)"**

(\*) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.;

(2) Fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) Jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) 475 tunnelli ta' "baby beef", espressi bħala l-piż tal-karkassi, li oriġinaw fit-territorji doganali tal-Kosovo (\*)."

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 328, 15.12.2009, p.1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 347, 30.12.2011, p. 1.

<sup>(4)</sup> Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.

<sup>(5)</sup> ĠU L 342, 28.12.2010, p. 1.

(\*) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.;

(b) It-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

*Artikolu 2*

“Il-kwoti msemmija fl-ewwel subparagrafu għandu jkollhom in-numri tal-ordni 09.4503, 09.4504, 09.4505, 09.4198, 09.4199 u 09.4200 rispettivamente.”;

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak li fih ikun ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(3) L-Annessi huma emendati b'mod konformi mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2012.

Dan ir-Regolament għandu japplika fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' April 2012.

*Għall-Kummissjoni,  
F'isem il-President,  
Dacian CIOLOȘ  
Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

L-Annessi għar-Regolament (UE) Nru 1255/2010 għandhom jiġu emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness II, tiżdied l-awtorità tal-ħruġ li ġejja:

“— Kosovo (\*).

(\* Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.”

(2) Jiżdied Anness VIIa ġdid:

“ANNEX VIIa

1. Min jikkonsenja (isem sħiħ u indirizz)	<b>ĊERTIFIKAT Nru 0000</b> ORIGĠINALI Il-Kosovo (*)		
2. Destinatarju (isem sħiħ u indirizz)	ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ għall-esportazzjonijiet għall-UE ta' annimali bovini u l-laħam ta' annimali bovini [applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1255/2010]		
NOTI A. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun ippreparat f'kopja oriġinali waħda u żewġ kopji. B. L-oriġinali u ż-żewġ kopji tagħha għandhom ikunu ttajpjati jew kompluti bl-idejn. Fl-aħħar każ, għandhom jimtlew b'linka sewda u b'ittri kbar.			
3. Marki, numri, għadd u natura tal-pakketti jew irjus ta' bovini; deskrizzjoni tal-oġġetti	4. Il-kodiċi ta' Nomenklatura Magħquda	5. Il-piż gross (kg)	6. Il-piż nett (kg)
7. Il-piż nett (kg) (fi kliem)			
8. Jien, hawn taħt iffirmat ..... li qed naġixxi f'isem il-korp ta' ħruġ awtorizzat (kaxxa 9) niċċertifika li l-oġġetti deskritti hawn fuq ġew suġġetti għal spezzjoni tas-saħħa f' ....., skont iċ-ċertifikat veterinarju mehmuż ta' ....., li joriġinaw u ġejjin mill-Kosovo (*) u jikkorrispondu eżatt mad-definizzjoni li tinsab fl-Anness II għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1215/2009, kif emendat.			
9. Korp ta' ħruġ awtorizzat	Post:	Data:	
	(Timbru tal-korp ta' ħruġ)	..... (firma)	
(*) Din in-nominazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi ma' UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni għall-indipendenza tal-Kosovo.”			

(3) Fl-Anness VIII, fl-ewwel kolonna tat-tabella, jiżdied in-numru tal-ordni “09.4200”.

(4) Fl-Anness IX, fl-ewwel kolonna tat-tabella, jiżdied in-numru tal-ordni “09.4200”.

(5) Fl-Anness X, fl-ewwel kolonna tat-tabella, jiżdied in-numru tal-ordni “09.4200”.